MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 4(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa , 4 ta’ April 2012, fil-5:00p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Edric Micallef |
| **Viċi-Sindku** | Carmelo Bugeja |
| **Kunsilliera** | Angelo Micallef |
| | Steven Grech |
| | Stephen Caruana |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta’ Sindku
2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta’ Viċi-Sindku
3. Diskors tas-Sindku
4. Formazzjoni tal-Kunsill għal-leġislatura
5. Għażla ta’ ġurnata u hin għas-seduti tal-Kunsill
6. Affarijiet ohra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma’ dawk preżenti qal it-talba.

1. **Aċċettazzjoni tal-Kariga ta’ Sindku**

**Iċ-Chairman Carmelo Bugeja** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (1) ta’ l-Att li skont dan l-artiklu is-sur Edric Micallef għandu jkun is-Sindku. Għalhekk talab lis-sur Micallef jikkonferma l-aċċettazzjoni ta’ din il-kariga.

**Il-Kunsillier Edric Micallef** qara u ffirma il-ġurament ta’ Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta’ Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr.Ian Micallef, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Sindku ta’ Marsaxlokk.

**Is-Sindku Edric Micallef** ħa postu bħala s-Sindku tas-Sitt Kunsill Lokali Marsaxlokk, u rringrazzja lill-membri kollha preżenti

2. **Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku**

**Is-Sindku Edric Micallef** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (2) ta' l-Att liskont dan l-artiklu is-sur Carmelo Bugeja għandu jkun il-Viċi Sindku.Għalhekk talbu jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

**Il-Kunsillier Carmelo** qara u iffirma il-ġurament ta' Viċi-Sindku, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr.Ian Micallef, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Vici- Sindku ta' Marsaxlokk.

**Il-Viċi Sindku Carmelo Bugeja** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

3. **Diskors tas-Sindku**

Is-Sur Edric Micallef għadda sabiex jindirizza għall-ewwel darba lill-Kunsill :-

**"**L-ewwelnett nibda billi nirringrazzja lir-residenti li għoġobhom jagħtuni l-fiduċja tagħhom għar-raba' darba billi eleġġewni fil-Kunsill lokali, u din id-darba fil-kariga ta' Sindku.

Bl-istess mod, nirringrazzja lir-residenti ukoll għan-nom tal-Kunsilliera sħabi għall-ħatra tagħhom fil-Kunsill.

Nieħu din l-okkazjoni biex f'isem ir-residenti nirringrazzja lil dawk li kkontestaw l-elezzjoni u ma ġewx eletti għax huma ukoll kienu lesti li jagħtu l-kontribut tagħhom. Dawn ma telgħux mhux għax il-poplu ma ridhomx imma għaliex kellhom jiġu eletti ħames kunsilliera biss.

F'din l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kunsill irrid nirringrazzja lil żewġ ex-kunsilliera li kienu magħna fl-aħħar leġislatura u din id-darba ma ġewx eletti. Qed nirreferi għas-Sur William Pomroy li kien ilu 18-il sena fil-Kunsill Lokali, jiġifieri sa mill-ewwel Kunsill Lokali li kien twaqqaf fl-1994, u bl-istess mod lis-Sur Remigio Cassar li serva għal 11-il sena fi tliet kunsilli sa mill-2001. Mill-esperjenza tiegħi magħhom konvint li dejjem ġabu l-interess tar-raħal tagħna fuq quddiem.

Bħal ma tafu, dan il-Kunsill ġie elett għal tliet snin li m'huwiex zmien twil u għalhekk irridu nibdew mill-ewwel naħdmu fuq dak li għandna nagħmlu, sabiex nilħqu nwettqu x-xogħol li nixtiequ.

Bħal kif għamilna fil-kunsilli ta' qabel, kull kunsillier ser ikollu dekasteri partikolari sabiex jikkonċentra aktar fuq dawk is-setturi partikolari. Madankollu irridu nżommu f'moħħna li aħna parti minn Kunsill wieħed u għaldaqstant inġorru flimkien ir-responsabbilta' ta' dak kollu li nagħmlu b'mod kolleġġjali. Dan ifisser li kull wieħed minna jista' jipproponi affarijiet fuq kull suġġett li jrid u fl-istess ħin kull wieħed minna irid jerfa' r-responsabbilta' ta' kull materja li jkollna fl-aġenda tagħna.

Nemmen li dan il-Kunsill Lokali irid jaħdem fuq dawn l-aspetti prinċipali:

1. **Li jtejjeb il-komunikazzjoni tiegħu, kemm mar-residenti, mal-għaqdiet tar-raħal, u l-komunitajiet kummerċjali.** Għal dawn tal-aħħar għandu jitwaqqaf forum permanenti li permezz tiegħu, fuq bażi regolari il-Kunsill Lokali jikkonsulta' mar-rappreżentanti tal-komunita' kummerċjali. Rigward ir-residenti għandna nagħtu mportanza partikolari lill-anzjani billi jsir *outreach* sabiex naraw xi jkollhom bżonn u niżguraw li dawn qegħdin jgħixu f'ambjent sigur u diċenti. Rigward it-tfal, il-Kunsill għandu jaħdem id f'id mal-

awtoritajiet tal-iskola sabiex niżguraw li t-tfal kollha qegħdin jingħataw l-opportunita' li tagħtihom is-sistema edukattiva ta' Malta. Il-Kunsill għandu wkoll jaħdem sabiex jidħol fi proġetti li jagħtu opportunitajiet liż-żgħażagħ Xlukkajri biex jipparteċipaw ma' żgħażagħ oħra kemm Maltin kif ukoll possibilment barranin.

2. **Li jibqa' jiddefendi l-ambjent tar-raħal.** Nemmen li l-Kunsill Lokali għandu jibqa' viġilanti fejn għandu x'jaqsam l-ambjent. Dan sabiex niżguraw li dawk l-aġendi li jeżistu fir-raħal tagħna kif ukoll fil-viċinanzi li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent, jieħdu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex l-impatt fuq l-ambjent ikun l-inqas wieħed possibbli għal ġid tas-saħħa tar-residenti kollha. Għal dan il-għan, il-Kunsill Lokali għandu jibqa' jaħdem flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-irħula ġirien tagħna.

3. **Li jiżgura li ssir il-manutenzjoni meħtieġa** fuq dak kollhu li bnejna matul is-snin speċjalment kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jutilizza bl-aħjar mod possibbli l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill. Il-ħsieb tiegħi hu li l-ħaddiema assenjati ma jkunux jirrispondu lil xi kunsillier partikolari imma direttament lis-Segretarju Eżekuttiv. Irridu niftakru li aħna l-kunsilliera qegħdin fuq bażi voluntarja mall-Kunsill Lokali u għaldaqstant ma nistgħux inġorru r-responsabbilta' tas-sigħat li jaħdmu u x-xogħol li jwettqu impjegati li xogħolhom huwa ta' wieħed full time assenjat mall-Kunsill. F'dan ir-rigward, ix-xogħol tagħna l-kunsilliera huwa dak li nressqu l-proposti tagħna fil-laqgħat tal-Kunsill sabiex flimkien mas-segretarju eżekuttiv infasslu programm ta' ħidma skont il-prijoritajiet.

4. **Li r-residenti jingħataw l-aħjar servizz possibbli**. Il-Kunsill għandu jiżgura li s-servizzi li jagħti hu jkun qed jingħata bl-aħjar mod. Dawn jinkludu servizzi bħal ġbir tal-iskart, permessi varji, dixxiplina fit-traffiku, dawl pubbliku, librerija pubblika u oħrajn. Dan għandu jsir billi l-kuntratti jingħataw fuq bażi ta' min jista' jagħti l-aħjar servizz possibbli u li tali kuntratti jkollhom il-klawsoli neċessarji sabiex ikunu jistgħu meħuda dawk il-miżuri neċessarji meta servizz ma jkunx qed jingħata tajjeb. Għal dan il-għan għandu jsir assessment regolari tas-servizzi li jingħataw. Fejn għandhom x'jaqsmu servizzi li ma jingħatawx direttament mill-Kunsill imma minn xi entita' oħra, il-Kunsill għandu jkun aktar fuq in-naħa taċ-ċittadini billi dawk it-talbiet ġustifikati tar-residenti jagħmilhom bħala talbiet tiegħu u jsegwihom hu għan-nom tar-residenti. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jiżgura li s-sistema tal-*customer care* tiegħu tkun qed issegwi dawn l-ilmenti u li r-residenti jkunu qed jingħataw ir-risposti li jistennew.

5. **Li tidħol aktar dixxiplina fir-raħal**. Ħafna drabi aħna l-kunsilliera nirċievu bosta lmenti minn residenti dwar nies oħra li bl-aġir tagħhom ikunu qegħdin jew joħolqu xi ingombru lil residenti oħra jew ikerrħu l-ambjent. Mill-banda l-oħra ssib residenti li jitolbuna biex jitħallew iwettqu minn dawn it-tip ta' attivitajiet. Issib saħansitra min filwaqt li hu jkun qed jilmenta għal ħaddieħor, hu stess ikun irid xi ħaġa oħra li wkoll toħloq inkonvenjent lin-nies. Drawwiet ħżiena diffiċli biex jinqatgħu. Biss naħseb li bil-mod trid tispiċċa' l-mentalita' li qiesu barra huwa parti mill-bitħa tad-dar tagħna. Għal dan il-għan naħseb li għandna l-ewwelnett inkunu sodi aħna l-kunsilliera billi min jitlobna permessi biex jitħallew oġġetti barra inkunu sodi biżżejjed li nispjegaw mill-ewwel lil dak li jkun li dawn l-affarijiet ma

jistgħux isiru. Imbagħad irridu naraw li bil-mod tibda' tittieħed l-azzjoni neċessarja fuq min ma jagħtix każ.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li fil-Kunsill Lokali aħna qegħdin nirrappreżentaw lir-residenti kollha ta' Marsaxlokk, kemm lil dawk li vvutawlna, kemm lil dawk li vvutaw lil xi ħaddieħor u kif ukoll lil min għal xi raġuni jew oħra ma vvutax. Għaldaqstant, dak li għandu jigwidana huwa l-interess komuni u mhux l-interess ta' xi sezzjoni biss mill-popolazzjoni tagħna. Jien konvint li jekk inżommu dan quddiem għajnejna, għandu jkollna tliet snin ta' ħidma tajba flimkien li minna jgawdu r-residenti tagħna u l-isem ta' Marsaxlokk.

Fl-aħħarnett nindirizza lis-segretarju eżekuttiv, lill-ħaddiema klerikali kif ukoll lil ħaddiema assenjati li huma l-għodda li permezz tagħhom il-Kunsill Lokali jista' jwettaq ix-xogħol meħtieġ. Jien konvint li flimkien ma sħabi l-kunsilliera nistgħu naraw li l-ambjent tax-xogħol tagħkom ikun wieħed feliċi u li jagħtikom is-sodisfazzjon li jixraqlu kull ħaddiem. L-akbar sodisfazzjon għandu jkun dak li tħossukom li qed tikkontribwixxu sabiex flimkien intejbu l-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna.

## 4. Formazzjoni tal-Kunsill Lokali

Jiena naħseb illi huwa essenzjali illi kull Kunsillier Elett jingħata delegi li l-aktar ikun kompetenti dwarhom. Għaldaqstant matul il-jiem li għaddew għarbilt sewwa s-sitwazzjoni u wasalt għal dawn il-konklużjonijiet dwar il-formazzjoni ta' din is-Sitt Leġislatura:

***Edric Micallef*** – Naħseb illi jkun opportun illi jiena, fil-kwalita' ta' Sindku nkun reponsabbli mill-*Infrastruttura, Kumitat tar-Reġjun, Relazzjonijiet mal-Gvern Ċentrali, Pulizija u Ġustizzja, Traffic Management u Soft Areas*

***Carmelo Bugeja*** – Nemmen illi s-sur Bugeja, fil-kwalita' ta' Vici-Sindku għandu jkun responsabbli mis-setturi ta' l-*Anzjani, Forum Kummerċjali, Attivitajiet Soċjali, Customer Care u saħħa*

***Angelo Micallef*** – Is-Sur Micallef għandu jkun responsabbli mill-*Fondi Ewropej, Edukazzjoni u Bye-Laws*

***Steven Grech*** – Is-Sur Grech għandu jkun il-Kunsillier responsabbli mill-*Isports, Żgħażagħ u Kultura*

***Stephen Caruana***– Is-Sur Caruana għandu jkun responsabbli mis-setturi tas-*Sajd, Indafa Pubblika, Latrini Pubbliċi, Street Lighting u Persuni b'Diżabilita'*

## 5. Għażla ta' ġurnata u ħin għas-Seduti tal-Kunsill Lokali

Is-Sur Edric Micallef ippropona illi l-ġurnata għas-seduta tal-Kunsill għandha tkun l-Erbgħa fil-5:00p.m. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

## 6. Affarijiet Oħra

6.1 Dokumenti lill-Kunsilliera

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-Kapitolu 363 Att Dwar il-Kunsilli Lokali kif ukoll kopja ta' Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi għall-Gvern Lokali u Kodiċi ta' Etika.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' informazzjoni dwar is-sistema li normalment juża fit-tqassim tal-korrispondenza li tasal fil-Kunsill. Minbarra li kulħadd jista jiġi l-Kunsill jara l-

korrispondenza, s-sistema li normalment tintuża fit-tqassim tal-korrispondenza, hija li meta fl-opinjoni ta' l-amministrazzjoni, il-korrispondenza tkun tinteressa lill-membri kollha, tiġi mgħoddija kopja lill-kunsilliera kollha. Madanakollu xi drabi l-korrispondenza tkun tikkonċerna responsabbiltà partikulari u għalhekk tkun mgħoddija lil dak/dawk li jkunu responsabbliminn dak is-settur. Jekk dawn jidhrilhom li hija interessanti għall-Kunsill, ikunu huma stess li jressquha.

6.2 Traffic Calmer Triq il-Wilġa

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu daħlu xi rapporti illi fi Triq il-Wilġa kienet saret *traffic calmer* b'mod abbużiv. Wara li kien ivverifika ma' Transport Malta kien ġie stabbilit illi l-istess *traffic calmer* kienet saret illegalment mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill Lokali u ta' l-istess Transport Malta. Huwa żied illi xi individwi kienu infurmaw lill-Kunsill illi f'din it-triq kienu qiegħdin jgħaddu vetturi b'veloċita'eċċessiva. Dwar dan kien informa lil Transport Malta u l-Kunsill ġie mitlub jieħu deċiżjoni dwar jekk għandux jagħmel talba sabiex fit-triq ikkonċernata tiġi installata Traffic Calmer. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jagħmel talba sabiex fi Triq il-Wilġa titwaħħal *traffic calmer* tar-rubber.

6.3 Jum Marsaxlokk

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill kellu jieħu ħsieb illi għal din is-sena jittella' Jum Marsaxlokk. Kien hemm qbil illi din l-attivita' għandha tittella' nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 2012. Għal dik il-ġurnata il-bejjiegħa illi joperaw is-Suq fil-beraħ kellhom jiġu avżati sabiex ma jarmawx. Kellha tintalab kwotazzjoni lill-banda tal-lokal sabiex ittella' programm għal Jum Marsaxlokk. Finalment ġie deċiż illi fis-seduta ta' wara jiġi deċiż min kien ser jingħata ġieh u jitfassal il-programm ta' l-attivita'

6.4 Estimi Annwali Jannar-Diċembru 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill proposta għall-estimi annwali Jannar-Diċembru 2012. Wara li ta' spjegazzjoni tal-miżuri li kienu ser jittieħdu sabiex is-sitwazzjoni finanzjarja fi tmiem l-2012 tkun waħda idejali, huwa għadda sabiex jispjega xi punti illi kellhom diffikultajiet dwarhom il-Kunsilliera. Finalment, fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill approva l-estimi Annwali hekk kif proposti.

6.5 Trackless train f'Jum San Girgor ( 11/4/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku kien għaddielu proposta ta' rotta għat-*trakless train* għal Jum San Girgor illi kien irċieva mingħand l-operaturi ta' l-istess *trackless Train.* Wara li ingħatat deskrizzjoni tar-rotta proposta il-Kunsill għadda biex jevalwa din il-proposta. Fost affarijiet oħra ġew diskussi l-fatt illi r-rotta kif proposta kienet tinkludi Triq is-Salvatur liema triq kienet ser tkun magħluqa għat-traffiku, flimkien ma' drop off u pick up point differenti minn dawk li kienu qiegħdin jiġu proposti. Wara diskussjoi libera, is-Sindku ippropona illi għal Jum San Girgor it-trackless train titħalla topera fuq ir-rotta proposta b'dawn il-kundizzjonijiet:

- Għandu jkun hemm gwardjan lokali fi Triq is-Salvatur a spejjeż ta' l-operaturi tat-trackless train matul il-ħin kollu li din tkun ser topera.
- Għandhom jinbdilu *d-drop off* u *pick up point*
- Fl-aħħar parti ta' Xatt is-Sajjieda it-trackless train ma tgħaddix mill-parti ta' isfel ( Biswit latrina pubblika) iżda minn fuq.

Il-Kunsillier Angelo Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'votazzjoni ta' tlieta favur u żewġ astensjonijiet.

6.6 Masterplan ta' Xatt is-Sajjieda

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien irċieva kopja ta' proposta għal żvilupp f'Xatt is-Sajjieda. Dwar din il-proposta kienu qiegħdin isiru l-arranġamenti sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-partijiet ikkonċernati sabiex ikun jista' jagħmel l-evalwazzjonijiet tiegħu. Kien hemm qbil illi deċiżjoni finali dwar din il-proposta kellha tittieħed fis-seduta li kien imiss.

6.7 Talba għal no objection

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ġie avviċinat mis-sid ta' l-istabbiliment ta' Victor, li jinstab fi Pjazza Madonna ta' Pompei li infurmah illi xtaq jinstalla tinda mal-faċċata ta' l-istess stabbiliment bil-għan illi jkun hemm ilqugħ mix-xemx matul ħinijiet partikolari tal-ġurnata. Kien hemm qbil illi sakemm jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa, il-Kunsill ma kellux isib oġġezzjoni għal din it-talba.

Il-laqgħa intemmet fis-7:00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2012

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**